IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2025
COM(2025) 483 final/2
DOWNGRADED ON 7.11.2025

2025/0274 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar ir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawn ir-reġistri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għad-data li għandha tkun inkluża fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, kif ukoll il-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawn ir-reġistri

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq

Il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq huwa korp stabbilit skont l-Artikolu 8(1), il-punt (o) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Skont l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikoli 13(2) u 14(5) ta' dak il-Ftehim, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar id-data li għandha tkun inkluża fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, kif ukoll il-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri ("id-deċiżjoni prevista").

2.2. L-att previst tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq

L-għan ewlieni tad-deċiżjoni prevista huwa li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni u penali għal kwalunkwe ksur serju msemmi fl-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 6(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kif ukoll il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni dwar kundizzjonijiet oħra li jirregolaw l-ammissjoni għall-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Fl-Unjoni, tali informazzjoni tiġi skambjata permezz tar-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU, European Registers of Road Transport Undertakings), stabbiliti mill-Artikolu 16, il-paragrafi 5 u 6 u mill-Artikolu 18(8) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009[1]. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ERRU jinsabu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480[2].

Is-sors tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata huwa r-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-triq, skont l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 13(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Fl-Unjoni, id-data minima li għandha tkun inkluża fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq tinsab fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Ir-rekwiżiti minimi għal din id-data mbagħad huma stabbiliti aktar fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE[3], kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

2 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010, ĠU L 87, 2.4.2016, p. 4.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi għad-data li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36.

(UE) 2024/773[4], kif ukoll fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2164[5].

Il-lista komuni ta' ksur li fuqu għandha tiġi skambjata l-informazzjoni hija stabbilita f'abbozz separat ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li d-data li tinsab fir-reġistru elettroniku nazzjonali skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE, tiġi adattata għall-finijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, f'konformità mal-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat li jinsab fl-Anness ta' din il-proposta. . Għal raġunijiet ta' effiċjenza fir-riżorsi, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 14(5) isir permezz tar-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq.

L-adattamenti ewlenin għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-finijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huma tnejn. L-ewwel nett, ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li l-għadd ta' persuni impjegati mill-impriża tat-trasport ma huwiex irreġistrat fl-istess bażijiet tad-data fir-Renju Unit, u ma hemm l-ebda evidenza ċara li dan is-sett tad-data huwa essenzjali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. It-tieni, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom l-istess "meded ta' riskju" għall-operaturi. Fir-rigward tal-Unjoni, il-meded tal-klassifikazzjoni tar-riskju huma stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/695[6], u huma inklużi fir-reġistru elettroniku nazzjonali u skambjati permezz tal-ERRU f'konformità rispettivament mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480. Madankollu, il-formula biex jiġi kkalkolat il-punteġġ tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-operaturi hija differenti fl-Unjoni u fir-Renju Unit[7]. B'riżultat ta' dan, huwa għalhekk propost li s-settijiet tad-data dwar l-għadd ta' impjegati ta' impriża, kif ukoll il-punteġġ tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' impriża, ma jiġux skambjati bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Il-medda tal-klassifikazzjoni tar-riskju, kif ukoll is-settijiet tad-data l-oħra kollha li jinsabu fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, għandhom jiġu skambjati, sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit ikkontribwixxa għall-kostijiet tal-iżvilupp tal-ERRU bħala Stat Membru tal-Unjoni. Madankollu r-Renju Unit għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-kostijiet operazzjonali u tal-manutenzjoni tal-ERRU. Deċiżjoni separata tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, li għandha tiġi adottata fl-istess ħin mal-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq li jinsab f'din il-proposta, se tagħti dettalji dwar il-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit lill-ERRU.

---

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/773 tal-4 ta' Marzu 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2009/992/UE dwar ir-rekwiżiti minimi għad-data addizzjonali li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, ĠU L, 2024/773, 6.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/773/oj.

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2164 tal-11 ta' Lulju 2024 dwar ir-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw id-data li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, ĠU L, 2024/2164, 20.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2164/oj.

6 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/695 tat-2 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formula komuni għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriżi tat-trasport, (ĠU L 129, 3.5.2022, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/695/oj).

7 Fl-Unjoni, il-formula għall-kalkolu tal-punteġġ tal-klassifikazzjoni tar-riskju hija stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/695.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Għalhekk il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, f'konformità mal-Abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż mal-proposta.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Id-deċiżjoni, li l-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq huwa mitlub jadotta, tikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-politika tat-trasport.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 91 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

2025/0274 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar ir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawn ir-reġistri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) Skont l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikoli 13(2) u 14(5) ta' dak il-Ftehim, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit skont l-Artikolu 8(1), il-punt (o) ta' dak il-Ftehim, għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet rigward id-data li għandha tkun inkluża fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-triq, kif ukoll il-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri.

(3) L-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi kundizzjonijiet dettaljati relatati mar-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. B'mod partikolari, il-paragrafi 2 u 3 tiegħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom il-ksur elenkat fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-ewwel paragrafu tiegħu mġarrab minn operatur jista' jwassal għal proċedura amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment, u jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba. L-Appendiċi 31-A-1-1 jistabbilixxi wkoll lista tal-aktar seba' ksur serju li jrid iwassal għal proċedura amministrattiva mill-awtorità kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment. Deċiżjoni separata tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, mehmuża ma' [SPAZJU GĦALL-KUNSILL: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/XXXX], se tikkompleta l-lista ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba.

(4) L-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikoli 13 u 14 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedu wkoll li l-Partijiet għandhom jistabbilixxu reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jkunu ġew awtorizzati jinvolvu ruħhom fil-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, kif ukoll iwettqu

kontrolli individwali fuq l-impriżi u jiskambjaw informazzjoni dwar ksur serju mwettaq mill-operaturi fil-Parti l-oħra. Id-data li għandha tkun inkluża fir-reġistru elettroniku nazzjonali, kif ukoll il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq.

(5) L-Unjoni stabbiliet ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) biex tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480[8]. Minħabba li l-Unjoni u r-Renju Unit qablu mal-istess prinċipji bażiċi ta' aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq kif ukoll ma' lista komuni ta' ksur, huwa xieraq u effiċjenti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li tiġi prevista l-konnessjoni teknika tar-Renju Unit mal-ERRU.

(6) Jixraq għaldaqstant li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, peress li l-att previst se jkun vinkolanti għall-Unjoni.

(7) Deċiżjoni separata tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, meħmuża ma' [SPAZJU GĦALL-KUNSILL: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/XXXX], se tistabbilixxi l-modalitajiet finanzjarji tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għall-kostijiet tal-ERRU.

(8) Sabiex iż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jiżviluppaw l-infrastruttura tal-informazzjoni u tat-teknoloġija tagħhom li tippermetti l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2026.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit mill-Artikolu 8(1), il-punt (o) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq"), fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għad-data inkluża fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, kif ukoll il-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri, hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Bidliet żgħar fl-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jistgħu jiġu deċiżi mill-Kummissjoni mingħajr il-ħtieġa ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida.

[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010, ĠU L 087, 2.4.2016, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħin tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President